

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr, en)

9754/22

ECOFIN 545
UEM 149
SOC 340
EMPL 222
COMPET 443
ENV 540
EDUC 213
RECH 336
ENER 251
JAI 806
GENDER 85
ANTIDISCRIM 65
JEUN 96
SAN 340

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9408/22 - COM(2022) 610 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsills dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 ta' Spanja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2022) 610 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 ta' Spanja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li stabbilixxa l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi sostenn finanzjarju għall-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investment, b'impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. Din tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investment sostenibbli u li jsaħħu t-tkabbir, b'mod partikolari għall-promozzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza u t-tkabbir potenzjali tal-ekonomiji tal-Istati Membri. Tgħin ukoll biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi sostenibbli u tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq perjodu medju u twil. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ser tiġi aġġornata f'Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

(2) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2022 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan ikkunsidra kif dovut l-Impenn ta' Porto iffirmit fis-7 ta' Mejju 2021 biex ikompli jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022 fil-25 ta' Marzu 2022. Fl-24 ta' Novembru 2021, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija fejn Spanja ġiet identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom kienet ser ssir analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2022, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ ("Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-żona tal-euro") fil-5 ta' April 2022 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fl-14 ta' Marzu 2022.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 153, 7.4.2022, p. 1).

- (3) L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, wara l-pandemija globali biddlet b'mod sinifikanti l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku. L-impatt tal-invażjoni fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri nħass permezz, fost l-oħrajn, ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija, tal-ikel u tal-materja prima u prospetti ta' tkabbir aktar dgħajfa. Il-prezzijiet oġhla tal-enerġija huma partikolarment ta' piż kbir fuq l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli li jgħixu fil-faqar enerġetiku jew li jinsabu friskju ta' faqar enerġetiku kif ukoll fuq l-aktar kumpaniji vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. L-Unjoni qed tesperjenza wkoll influż bla preċedent ta' nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. L-effetti ekonomiċi li rriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kellhom impatt asimmetriku fuq l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, fl-4 ta' Marzu 2022, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE⁵ ġiet attivata għall-ewwel darba mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382⁶, u tat lill-persuni spostati mill-Ukrajna d-dritt li jibqgħu legalment fl-Unjoni, kif ukoll aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, is-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-assistenza soċjali.

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jgħorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

⁶ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

- (4) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika u ġeopolitika li qed tinbidel malajr, is-Semestru Ewropew fl-2022 jerġa' jibda l-koordinazzjoni wiesgħa tiegħu tal-politika ekonomika u tal-impjiegi, filwaqt li jevolvi f'konformità mar-rekwiżiti ta' implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif deskritt fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2022. L-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza adottati hija essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa fiċ-ċikli tas-Semestru Ewropew tal-2019 u l-2020. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u tal-2020 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-preżentazzjoni ta' tali pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati.
- (5) Il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ilha attiva minn Marzu 2020. Fil-komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2021 intitolata "Sena mit-tifqigħa tal-COVID-19: rispons tal-politika fiskali", il-Kummissjoni spjegat il-fehma tagħha li d-deċiżjoni dwar id-diżattivazzjoni jew il-kontinwazzjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tittieħed fuq il-bażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-istat tal-ekonomija, bil-livell ta' attività ekonomika fl-Unjoni jew fiż-żona tal-euro meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-kriżi (tmem l-2019) bħala l-kriterju kwantitattiv ewlieni. Iż-żieda fl-inċertezza u r-riskju qawwi ta' telf ta' valur fil-perspettiva ekonomika fil-kuntest tal-gwerra fl-Ewropa, iż-żidiet bla preċedent fil-prezzijiet tal-enerġija u t-tfixkil kontinwu fil-katina tal-provvista, jiġġustifikaw l-estensjoni sal-2023 tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

- (6) Skont l-approċ fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021⁷ li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 ta' Spanja, il-pożizzjoni fiskali ġenerali attwalment titkejjel l-aħjar bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji bl-esklużjoni tal-miżuri ta' emerġenza temporanji relatati mal-kriżi tal-COVID-19) iżda bl-inklużjoni tan-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju⁸. Lil hinn mill-pożizzjoni fiskali ġenerali, sabiex jiġi vvalutat jekk il-politika fiskali nazzjonali hijiex prudenti u jekk il-kompożizzjoni tagħha twassalx għal irkupru sostenibbli konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, tingħata wkoll attenzjoni lill-evoluzzjoni tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment⁹ (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19) u l-investment.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 ta' Spanja (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 38).

⁸ L-istimi dwar il-pożizzjoni fiskali u l-komponenti tagħha f'din ir-Rakkomandazzjoni huma stimi tal-Kummissjoni bbażati fuq is-suppożizzjonijiet sottostanti għat-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni. L-istimi tal-Kummissjoni ta' tkabbir potenzjali fuq terminu medju ma jinkludux l-impatt pożittiv tar-riformi li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir potenzjali.

⁹ Mhux iffinanzjati minn għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew fondi oħra tal-Unjoni.

- (7) Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida wiesgħa għall-politika fiskali tal-2023 ("il-gwida fiskali") bil-għan li tappoġġa t-tnejn tal-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni nnotat li, abbażi tal-prospettiva makroekonomika tat-tbassir tax-xitwa 2022, it-tranżizzjoni minn pożizzjoni fiskali aggregata ta' appoġġ fl-2020–2022 għal pożizzjoni fiskali aggregata ġeneralment newtrali, filwaqt li tinsab lesta li tirreaġixxi għas-sitwazzjoni ekonomika li qed tevolvi, tidher xierqa fl-2023. Il-Kummissjoni ħabbret li r-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 jenħteġ li jkomplu jiddifferenzjaw bejn l-Istati Membri u jqisu l-effetti konsegwenzjali possibbli bejn il-pajjiżi. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jirriflettu l-linji ta' gwida fil-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza tagħhom. Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u taġġusta l-gwida politika tagħha kif meħtieġ, u l-aktar tard fil-pakkett tas-Semestru Ewropew tar-rebbiegħa ta' tmiem Mejju 2022.

- (8) Fir-rigward tal-gwida fiskali, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali għall-2023 iqisu l-perspettiva ekonomika li marret għall-aġar, l-inċertezza akbar u ż-żieda ta' riskji negattivi, u l-inflazzjoni oġhla apparagun tat-tbassir tax-xitwa 2022 tal-Kummissjoni. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rispons fiskali għandu jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija, u jsostni l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli sabiex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u jgħin biex jiġu limitati l-pressjonijiet inflazzjonarji minn effetti sekondarji permezz ta' miżuri mmirati u temporanji. Il-politika fiskali għandha tibqa' aġli sabiex taġġusta għaċ-ċirkostanzi li qed jevolvu b'mod rapidu, inkluż l-isfidi li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fir-rigward tad-difiża u s-sigurtà, u għandha tiddistingwi bejn l-Istati Membri skont is-sitwazzjoni fiskali u ekonomika tagħhom, inkluż fir-rigward tal-esponiment tagħhom għall-kriżi u l-influss ta' persuni spostati mill-Ukrajna.
- (9) Fit-30 ta' April 2021, Spanja ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-linji gwida ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja¹⁰. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li Spanja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u tal-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.

¹⁰ ST 10150/21 INIT u ST 10150/21 ADD 1 REV 2.

- (10) Spanja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022 fit-30 ta' April 2022 u, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2022 fid-29 ta' April 2022, f'konformità mal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Spanja dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2022 għal Spanja fit-23 ta' Mejju 2022. Dan ivvaluta l-progress ta' Spanja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill fl-2019, l-2020 u l-2021, u qieset l-implimentazzjoni ta' Spanja tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jibbaża fuq it-tabella ta' valutazzjoni għall-irkupru u r-reżiljenza. Fuq il-bażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti, inkluż dawk li jirriżultaw mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Huwa vvaluta wkoll il-progress ta' Spanja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għal Spanja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fit-23 ta' Mejju 2022. Il-Kummissjoni kkonkludiet li Spanja qed tesperjenza żbilanċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet huma relatati ma' dejn tal-gvern, estern u privat għoli, f'kuntest ta' qgħad għoli, u għandhom rilevanza transfruntiera.

- (13) Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet rapport skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Dak ir-rapport jiddiskuti l-qagħda baġitarja ta' Spanja, billi fl-2021 id-defiċit tal-gvern estiż tagħha qabeż il-valur referenzjarju tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG). Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-komunikazzjoni tat-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa tal-2022 u ser tivvaluta mill-ġdid jekk huwiex meħtieġ li jkun propost il-ftuħ ta' tali proċeduri ta' defiċit eċċessiv fil-ħarifa 2022.
- (14) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-20 ta' Lulju 2020¹¹, il-Kunsill irrakkomanda lil Spanja biex fl-2020 u fl-2021 tiegħu l-miżuri kollha neċessarji, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru li jirriżulta. Irrakkomanda wkoll lil Spanja biex, meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati biex tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fi żmien medju u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ssaħħaħ l-investment. Fl-2021, skont data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż ta' Spanja niżel minn 10,3 % tal-PDG fl-2020 għal 6,9 %. Ir-rispons ta' politika fiskali minn Spanja appoġġa l-irkupru ekonomiku fl-2021, filwaqt li l-miżuri temporanji ta' appoġġ ta' emerġenza naqsu minn 3,9 % tal-PDG fl-2020 għal 2,8 % fl-2021. Il-miżuri li ħadet Spanja fl-2021 kienu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020. Il-miżuri baġitarji diskrezzjonarji adottati mill-gvern fl-2020 u l-2021 kienu fil-biċċa l-kbira temporanji jew ibbilanċjati minn miżuri ta' tpaċija. Fl-istess ħin, uħud mill-miżuri diskrezzjonali adottati mill-gvern matul il-perjodu bejn l-2020 u l-2021 ma kinux temporanji jew ibbilanċjati minn miżuri ta' tpaċija, u kienu jikkonsistu prinċipalment fi trasferimenti kurrenti lejn reġjuni biex jitkoprew ħtiġijiet ġodda tal-kura tas-saħħa. Skont data vvalidata mill-Eurostat, id-dejn tal-gvern estiż naqas minn 120,0 % tal-PDG fl-2020 għal 118,4 % tal-PDG fl-2021.

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 ta' Spanja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 ta' Spanja (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 54).

(15) Ix-xenarju makroekonomiku li huwa l-bażi ta' dawn il-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 huwa realistiku. Il-gvern jipproġetta li l-PDG reali ser jikber b'4,3 % fl-2022 u bi 3,5 % fl-2023. Apparagun ta' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir reali tal-PDG ta' 4,0 % fl-2022 u ta' 3,4 % fl-2023. Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2022, il-gvern jistenna li d-defiċit nominali ser jonqos għal 5,0 % tal-PDG fl-2022 u għal 3,9 % fl-2023. It-tnaqqis fl-2022 jirrifletti prinċipalment tkabbir qawwi fl-attività ekonomika, żieda fid-dħul mit-taxxa u tnaqqis fil-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' emerġenza. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 115,2 % fl-2022 u li jkompli jonqos għal 112,4 % fl-2023. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern għall-2022 u l-2023 ta' 4,9 % u ta' 4,4 % tal-PDG rispettivament. Dan huwa konformi mad-defiċit ipproġettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. It-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż simili, ta' 115,1 % fl-2022 u ta' 113,7 % fl-2023. Id-differenza hija parzjalment dovuta għad-defiċit primarju ogħla pproġettat għall-2023. Skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) huwa stmat għal 0,8 %. Madankollu, dik l-istima ma tinkludix l-impatt tar-riformi strutturali li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku potenzjali ta' Spanja.

(16) Fl-2022, il-Gvern neħħa gradwalment il-bieċa l-kbira tal-miżuri meħuda b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk il-miżuri temporanji ta' emerġenza huma pproġettati li jonqsu minn 2,8 % tal-PDG fl-2021 għal 0,4 % fl-2022. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat mill-miżuri adottati kontra l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni huma stmati li jammontaw għal 0,4 % tal-PDG fl-2022 u 0,0 % tal-PDG fl-2023¹². Dawk il-miżuri jikkonsistu prinċipalment fi trasferimenti soċjali lill-unitajiet domestiċi, tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija, sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija u trasferimenti lill-industriji affettwati. Dawk il-miżuri tħabbu bħala temporanji. Madankollu, f'każ li l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin fl-2023, xi wħud minn dawk il-miżuri jistgħu jitkomplew. Xi wħud minn dawk il-miżuri ma humiex immirati, b'mod partikolari lejn is-sospensjoni tat-taxxa fuq il-produzzjoni tal-enerġija jew it-tnaqqis tat-taxxa speċjali fuq l-elettriku. Id-defiċit tal-gvern huwa affettwat ukoll mill-ispiża biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna, li fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni hija pproġettata li tkun 0,1 % tal-PDG fl-2022 u 0,1 % fl-2023¹³.

¹² Iċ-ċifri jirrappreżentaw il-livell tal-ispejjeż baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri li ttieħdu mill-ħarifa 2021 'l hawn, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll, fejn rilevanti, il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹³ Huwa maħsub li l-għadd totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna lejn l-Unjoni gradwalment ser jilħaq is-6 miljun sa tmiem l-2022, u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom hija stmata fuq il-bażi tad-daqs tad-dijaspora eżistenti, il-popolazzjoni relattiva tal-Istat Membru riċeventi, u d-distribuzzjoni reali ta' persuni spostati mill-Ukrajna madwar l-Unjoni f'Marzu 2022. Għall-ispejjeż baġitarji għal kull persuna, l-istimi huma bbażati fuq il-mudell ta' mikrosimulazzjoni tal-Euromod taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni, filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni kemm it-trasferimenti ta' flus li n-nies jistgħu jkunu eliġibbli għalihom kif ukoll il-benefiċċji in natura bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

- (17) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 Spanja tuża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investment addizzjonali li jappoġġa l-irkupru filwaqt li ssegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lil Spanja, biex meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politika fiskali li jkollha l-għan li tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju u tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju, u fl-istess waqt issaħħaħ l-investment biex tagħti spinta lit-tkabbir potenzjali.

(18) Fl-2022, skont it-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni u tal-informazzjoni inkorporata fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2022, il-pożizzjoni fiskali ta' -2,2 % tal-PDG hija pproġettata li tkun ta' appoġġ¹⁴. Spanja qed tippjana li ttipprovdi appoġġ kontinwu għall-irkupru billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tiffinanzja investment addizzjonali kif irrakkomandat mill-Kunsill. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tonqos b'0,9 punti perċentwali tal-PDG apparagun tal-2021. L-investment iffinanzjat flivell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,4 punt perċentwali tal-PDG fl-2022¹⁵. Għalhekk, Spanja qed tippjana li tippreserva l-investment iffinanzjat nazzjonalment, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2022 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1,2 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,3 % tal-PDG) kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG), filwaqt li ż-żieda fil-prezzijiet tal-konsumatur meta mqabbla mad-deflatur tal-PDG hija pproġettata li taffettwa l-kontribuzzjoni espansjonarja tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2022 billi żżid l-infiq fil-konsum tal-gvern ta' oġġetti u servizzi. Fuq il-bażi tat-tbassir tal-Kummissjoni, dawn il-miżuri mhumiex kompletament akkumpanjati minn miżuri ta' tpaċija.

¹⁴ Sinjal negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fuq terminu medju, li jindika politika fiskali espansjonarja.

¹⁵ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li ttipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,3 punt perċentwali tal-PDG, minħabba r-ritorn gradwali għal-livelli ta' qabel il-pandemija.

- (19) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni għal 0,0 % tal-PDG, dment li ma ssirx xi bidla fil-politika¹⁶. Spanja hija pproġettata li tkompli tuża l-għotjiet mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-2023 biex tiffinanzja investiment addizzjonali li jappoġġa l-irkupru. Il-kontribuzzjoni pożittiva għall-attività ekonomika tan-nefqa ffinanzjata permezz tal-għotjiet taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pproġettata li tibqa' stabbli fl-2023 apparagun tal-2022. L-investiment iffinanzjat flivell nazzjonali huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0,1 punt perċentwali fl-2023¹⁷. Fl-istess waqt, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni xi ftit jew wisq newtrali ta' +0,1 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali ġenerali. Dan jinkludi l-impatt mit-tneħħija gradwali tal-miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (0,4 % tal-PDG).
- (20) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos gradwalment għal 3,3 % tal-PDG fl-2024 u għal 2,9 % sal-2025. Għaldaqstant, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jinżel taħt it-3 % tal-PDG sal-2025. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2022, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos sal-2025, speċifikament fl-2024 jonqos għal 110,8 %, u jkompli jonqos għal 109,7 % fl-2025. Skont l-analiżi tal-Kummissjoni, ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn jidhru għoljin fuq terminu medju.

¹⁶ Sinjal (pożittiv) negattiv tal-indikatur jikkorrispondi għal eċċess (tnaqqis) tat-tkabbir fin-nefqa primarja meta mqabbel mat-tkabbir ekonomiku fuq terminu medju, li jindika politika fiskali (restrittiva) espansjonarja.

¹⁷ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fuq livell nazzjonali hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni espansiva ta' 0,2 punti perċentwali tal-PDG.

(21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin bi skeda ta' żmien indikattiva għall-implimentazzjoni li għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Dawn jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Spanja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, flimkien ma' kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż maħruġa sad-data tal-adozzjoni ta' pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. B'mod partikolari, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar il-promozzjoni tal-investment pubbliku u privat li jgħin l-irkupru. B'dan il-mod, huwa mistenni li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investment fl-innovazzjoni u t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi tal-pajjiż. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi wkoll miżuri biex jitnaqqas is-sehem għoli ta' kuntratti temporanji fis-setturi privati u pubbliċi u biex jissaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni eżistenti tal-assistenza għall-qgħad, li rriżultat flakuni. Huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għall-forniment ta' hili u kwalifiki rilevanti għas-suq tax-xogħol li huma mistennija jimxu id f'id mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ta' Spanja. L-aċċess għat-tagħlim diġitali jista' jingħata spinta sinifikanti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza permezz ta' investimenti f'apparati u f'ħiliet, iżda wkoll billi jiġu żviluppati korsijiet online. L-eżiti edukattivi jistgħu jitjiebu wkoll bħala riżultat tal-investimenti f'diversi stadji taċ-ċiklu tal-edukazzjoni. Il-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom ukoll il-potenzjal li jgħinu biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fejn Spanja hija mitluba ttejjeb il-kopertura u l-adeqwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu u tal-appoġġ għall-familji tagħha. Il-pjan ta' rkupru u reżiljenza huwa mistenni wkoll li jsaħħaħ l-oqfsa tal-akkwist pubbliku u jikkontribwixxi għal ambjent tan-negozju aħjar. Fl-aħħar nett, il-miżuri fil-pjan ta' rkupru u reżiljenza li jfittxu nfiq pubbliku u sistema tat-taxxa aktar effettivi jistgħu jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali.

- (22) L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Spanja hija mistennija tikkontribwixxi biex isir aktar progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi fi Spanja jammontaw għal 40 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li l-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal 28 % tal-allokazzjoni totali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri rilevanti ser tgħin lil Spanja tirkupra malajr mill-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, filwaqt li ssaħħha ir-reżiljenza tagħha. L-involviment sistematiku tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjieg oħra li jmorru lil hinn mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (23) Spanja għadha ma ppreżentatx formalment il-Ftehim ta' Sħubija jew il-programmi l-oħra tal-politika ta' koeżjoni previsti fir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸. F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060, Spanja għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti fl-ipprogrammar tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. Dan huwa prerekwiżit għat-titjib tal-effettività u l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jiġu promossi l-koordinazzjoni, il-komplementarjetà u l-koerenza bejn dawk il-fondi tal-politika ta' koeżjoni u strumenti u fondi oħra tal-Unjoni. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiddependi wkoll mit-tneħħija ta' ostakli għall-investment biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali kif ukoll l-iżvilupp territorjali bbilanċjat.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (OJ L 231, 30.6.2021, p. 159).

- (24) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, Spanja qed tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mat-tħaffif tat-tranżizzjoni ekoloġika u biex iżżid l-interkonnessjonijiet tal-enerġija, iżżid id-disponibbiltà ta akkomodazzjoni soċjali u affordabbli effiċjenti fl-enerġija u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari. Il-politiki biex jiżdiedu r-rati ta' riċiklaġġ u tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari jistgħu jgħinu biex tiġi limitata l-importazzjoni tal-merkanzija, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-iżbilanċi esterni. Fuq medda medja u twila ta' żmien, l-ilħuq tal-miri rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-enerġija u ż-żieda fl-interkonnessjonijiet tal-enerġija jistgħu jwasslu wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u d-dejn estern għoli.
- (25) Spanja tibbenefika jekk tkompli toftom it-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi biex jintlaħqu miri aktar ambizzjużi tal-Unjoni, inkluż il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %". F'dan ir-rigward, ir-rata ta' riċiklaġġ tal-pajjiż tal-iskart muniċipali u r-rata tal-użu ta' materjal ċirkolari huma taħt il-medja tal-Unjoni, filwaqt li s-sehem tal-iskart li qed jintrema fil-miżbljet huwa ferm ogħla minnha. Koordinazzjoni sostnuta fil-livelli differenti tal-gvern u f'investiment addizzjonali jistgħu jgħinu lil Spanja tissodisfa l-obbligi ta' għbir separat u tar-riċiklaġġ. Il-kisba ta' miri ta' riċiklaġġ għaddiet 'l isfel għal livelli aktar baxxi ta' gvern. Madankollu, l-istrumenti li jinfurzawhom jistgħu ma jkunux effettivi biżżejjed. Għalhekk, riformi addizzjonali jistgħu jsaħħu l-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti tal-gvern, inkluż għal interpretazzjoni komuni tad-dispożizzjonijiet u għall-ippjanar u l-użu tal-infrastruttura tat-trattament tal-iskart. Aktar appoġġ mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, jista' jgħin biex tinfirex l-aħjar prattika. Jistgħu jkunu għustifikati investimenti addizzjonali biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' riċiklaġġ ta' Spanja, inkluż biex tiġi promossa l-ekonomija ċirkolari f'setturi speċifiċi. Barra minn hekk, l-innovazzjoni u l-investiment għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari huma kruċjali biex tiġi żgurata effiċjenza akbar fir-riżorsi. Spanja tbatu wkoll minn skarsezza tal-ilma u jeħtieġ li tiżviluppa aktar il-potenzjal tal-użu mill-ġdid tal-ilma, inkluż minn perspettiva ta' ekonomija ċirkolari.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (26) Bi tweġiba għall-mandat tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, il-proposta tal-Kummissjoni għal pjan REPowerEU għandu l-għan li jelimina gradwalment id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili mir-Russja malajr kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni biħsiebha tidentifika l-aktar proġetti, investimenti u riformi adatti fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni fi djalogu mal-Istati Membri. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u li jispustjaw l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili lil hinn mir-Russja.
- (27) Skont id-data tal-2020²⁰, id-dipendenza ta' Spanja fuq ir-Russja hija ta' 2 % għaż-żejt u ta' 10 % għall-gass, ferm inqas mill-medji tal-Unjoni (26 % u 44 %, rispettivament). Id-dipendenza ta' Spanja fuq il-faħam Russu hija simili għall-bqija tal-Unjoni (55 %), iżda f'kuntest fejn is-sehem tal-fjuwils fossili solidi fit-taħlita tal-enerġija (2,8 %) huwa ħafna aktar baxx mill-medja tal-Unjoni. Għalkemm għandha esponiment limitat għaż-żejt u l-gass Russu, is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija jżidu l-urġenza għal Spanja biex tkompli żżid l-isforzi tagħha biex tilħaq il-miri tal-enerġija rinnovabbli stabbiliti fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tagħha. Filwaqt li jkomplu jibnu fuq il-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, il-miżuri addizzjonali li jappoġġaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli (b'enfasi fuq l-installazzjonijiet deċentralizzati u l-awtokonsum, inkluż billi jkomplu jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-għoti tal-permessi u billi jittejjeb l-aċċess għall-grilja) u l-investment komplementari (fil-ħżin, fl-infrastruttura tan-network, fl-elettrifikazzjoni tal-bini u tat-trasport, u fl-idroġenu ekoloġiku) jistgħu jkomplu jgħinu biex l-ekonomija tiġi dekarbonizzata aktar, inklużi l-industrija, it-trasport u l-akkomodazzjonijiet, u jitnaqqsu kemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili kif ukoll l-esponiment għall-prezzijiet internazzjonali.

²⁰ Eurostat (2020), is-sehem tal-importazzjonijiet Russi apparagun tal-importazzjonijiet totali taż-żejt mhux raffinat, tal-gass naturali, u tal-faħam iebes. Għall-medja tal-UE-27, l-importazzjonijiet totali huma bbażati fuq importazzjonijiet minn barra l-EUE-27. Għal Spanja, l-importazzjonijiet totali jinkludu l-kummerċ fl-UE. Iż-żejt mhux raffinat ma jinkludix il-prodotti taż-żejt raffinat.

L-integrazzjoni effettiva ta' Spanja fis-suq uniku tal-enerġija jeħtiġilha li żżid l-interkonnessjonijiet tal-enerġija tagħha. B'mod partikolari, iktar interkonnessjonijiet tal-elettriku ma' pajjiżi ġirien jistgħu jappoġġaw integrazzjoni akbar tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli tal-Peniżola Iberika fis-suq uniku tal-enerġija. L-infrastruttura transfruntiera addizzjonali tal-gass bil-lest għall-idroġenu tista' tkompli tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass fis-suq intern tal-Unjoni u tgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal fit-tul tal-idroġenu rinnovabbli. L-investimenti ġodda fl-infrastruttura u fin-networks relatati mal-gass qed jiġu rakkomandati, fejn possibbli, bħala validi għall-futur, sabiex tiġi ffaċilitata s-sostenibbiltà fit-tul tagħhom permezz tal-adattament futur tal-fjuwils sostenibbli.

- (28) Aktar progress fil-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli u r-rinnovazzjonijiet profondi kemm f'bini residenzjali kif ukoll f'bini mhux residenzjali, b'mod partikolari fi bliet ta' daqs medju, jista' jinkiseb billi jiġu stabbiliti skemi ta' finanzjament xierqa, titjib tal-ħiliet u taħriġ tal-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u assistenza teknika biex jiġi appoġġat l-użu ta' għotjiet u ta' strumenti finanzjarji għar-rinnovazzjonijiet. Barra minn hekk, l-użu addizzjonali ta' akkomodazzjonijiet soċjali u affordabbli effiċjenti fl-enerġija, b'mod partikolari f'żoni b'nuqqasijiet evidenti u swieq taħt stress, jista' jkun ta' għajjnuna biex jitrażżan il-konsum tal-enerġija, tiġi indirizzata b'mod aktar deċiżiv it-tranżizzjoni ekoloġika u jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Sabiex Spanja tkun konformi mal-objettivi "Lesti għall-mira ta' 55 %", ser tkun meħtieġa żieda ulterjuri fl-ambizzjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żieda fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

- (29) Filwaqt li t-tħaffif tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u lil hinn mill-fjuwils fossili ser toħloq spejjeż ta' ristrutturar sinifikanti f'diversi setturi, Spanja tista' tagħmel użu mill-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni biex ittaffi l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni fuq ir-reġjuni l-aktar milquta. Barra minn hekk, Spanja tista' tagħmel użu mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹, biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali.
- (30) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022 u l-opinjoni²² tiegħu hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1).
- (31) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2022 dwar iż-żona tal-euro. Għal Spanja, dan huwa rifless b'mod partikolari fir-Rakkomandazzjonijiet (1) u (2).

²¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

²² Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97

(32) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u tal-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2022 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2022. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-Rakkomandazzjonijiet (1), (2), u (4). Ir-rakkomandazzjonijiet (1) u (2) jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2022 għaż-żona tal-euro, b'mod partikolari l-ewwel u r-raba' rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro. Il-politiki fiskali msemmin fir-Rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati fost l-oħrajn l-iżbilanċi marbutin mad-dejn għoli tal-gvern. Il-politiki msemmin fir-Rakkomandazzjoni (2) jgħinu fost l-oħrajn fit-tnaqqis tad-dejn tal-gvern, privat u estern billi l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tappoġġa t-tkabbir filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija. Il-politiki msemmin fir-Rakkomandazzjoni (4) jgħinu biex jiġu indirizzati, fost l-oħrajn, il-vulnerabbiltajiet marbutin ma' dejn estern għoli fuq terminu twil, f'kuntast ta' qgħad għoli,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Spanja tiegħu azzjoni fl-2022 u fl-2023 biex:

1. Tiżgura, fl-2023, politika fiskali prudenti b'mod partikolari billi ż-żieda tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment tillimitaha għal taħt it-tkabbir tal-output potenzjali fuq terminu medju, filwaqt li tqis l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, u għan-nies li qegħdin jaħarbu mill-Ukrajna. Tkun lesta li taġġusta l-infiq kurrenti skont is-sitwazzjoni li qed tevolvi. Tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija billi tqis l-inizjattiva RePowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni. Għall-perjodu ta' wara l-2023, issegwi politika fiskali mmirata biex jinkisbu pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju, u tiżgura tnaqqis fid-dejn kredibbli u gradwali kif ukoll sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju permezz ta' konsolidazzjoni gradwali, investment u riformi.

2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' għa, f'konformità mal-istadji importanti u l-miri inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021. Tippreżenta d-dokumenti ta' programmar tal-politika ta' koeżjoni għall-2021–2027 bil-ħsieb li tiffinalizza n-negozjati mal-Kummissjoni u sussegwentement tibda l-implimentazzjoni ta' għom.
3. Iżżid ir-rati ta' riċiklaġġ biex tilħaq il-miri tal-Unjoni u tippromwovi l-ekonomija ċirkolari billi ssaħħaħ il-koordinazzjoni fost il-livelli kollha tal-gvern u tinvesti aktar biex tilħaq l-obbligi tal-ġbir separat tal-iskart u tar-riċiklaġġ, kif ukoll biex ittejjeb l-użu mill-ġdid tal-ilma.
4. Tnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili. Tħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli, b'enfasi fuq l-installazzjonijiet deċentralizzati u l-awtokonsum, inkluż billi tissimplifika aktar il-proċeduri tal-għoti tal-permessi u billi ttejjeb l-aċċess għall-grilja. Tappoġġa investimenti komplementari fil-ħżin, fl-infrastruttura tan-network, fl-elettrifikazzjoni tal-bini u tat-trasport, u fl-idroġenu rinnovabbli. Tespandi l-kapaċità tal-interkonnessjoni tal-enerġija. Iżżid id-disponibbiltà tal-akkomodazzjonijiet soċjali u affordabbli li jkunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija, inkluż permezz tar-rinnovazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President